# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2019**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 1175/08JRM**

**ATLAS INSURANCE PCC LIMITED** (C – 5601) f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha *Intercomp Marketing Limited* abbażi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-liġi u l-istess Intercomp Marketing Limited (C – 20612)

vs

**B.A.S. LIMITED** (C – 444) u b'degriet tal-5 ta' Novembru, 2009, ssejħet fil-kawża l-kumpannija Fahrenheit Freight Forwarders Co.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-25 ta' Novembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpanniji attriċi talbu li l-Qorti (i) ssib li l-kumpannija mħarrka taħti għan-nuqqasijiet fil-merkanzija u għad-danni li l-

kumpannija attriċi Atlas Insurance PCC Limited ġarrbet b'riżultat ta' dan; (ii) tillikwida d-danni fis-somma ta' tlettax-il elf, sitt mija ħamsa u disgħin ewro, erbgħa u tletin ċenteżmu (€13,695.34) jew somma oħra li titħallas lill-istess kumpannija attriċi, flimkien mas-somma ta' mitejn tlieta u tletin ewro (€233) li titħallas lill-kumpannija attriċi assikurata Intercomp Marketing Limited; u (iii) tikkundannaha tħallas l-ammont hekk likwidat. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali mid-data tal-ftuħ tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Novembru, 2008[1], li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-22 ta' Diċembru, 2008, li biha l-kumpanija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ċaħdet kull ħtija għal dak li seħħ. Hija tgħid li t-telf tal-merkanzija seħħ qabel ma l-merkanzija ġiet fil-kustodja tagħha. Barra minn hekk, il-merkanzija ġiet nieqsa minħabba ċirkustanzi li hija ma setgħetx tevita. Qalet ukoll li l-kumpanniji attriċi jridu jġibu l-prova tat-telf li ġarrbu, u li f'kull każ, kwalunkwe responsabbiltà hija limitata bir-regoli tal-Konvenzjoni dwar *The Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR*). Talbet ukoll is-sejħa fil-kawża ta' Fahrenheit Freight Forwarders Co Ltd li minnha ġiet mqabbda biex iġġorr il-merkanzija, u f'każ li tinstab responsabbli għad-danni, hija għandha l-jedd ta' rivalsa fil-konfront tal-imsemmija kumpannija;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2009[2], li bih ordnat is-sejħa fil-kawża tal-kumpannija Fahrenheit Freight Forwarders Co Ltd ;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-11 ta' Jannar, 2010, imressqa mill-imsejħa fil-kawża li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalet li m'għandha ebda relazzjoni mal-kumpannija attriċi u talbet li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, kif ukoll illi kull pretensjoni illi seta' kellha llum waqgħet billi laħaq għadda ż-żmien u dan skond l-artikolu 32(1) tal-Konvenzjoni. Fil-mertu, ċaħdet ukoll kull responsabbiltà għad-danni mitluba fil-konfront tagħha billi l-merkanzija ġiet ikkonsenjata lid-destinatarju fl-istess stat li hi rċevietha, u li f'kull każ, kull responsabbiltà tagħha hija limitata bl-istess Konvenzjoni;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tas-31 ta' Jannar, 2013[3], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq bil-miktub;

---

[1] Paġġ. 6 – 7 tal-proċess
[2] Paġ. 16 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi tas-27 ta' Mejju, 2013[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imsejħa fil-kawża tas-26 ta' Novembru, 2013[5], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija mħarrka tat-13 ta' Jannar, 2014[6], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mill-partijiet[7];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni minħabba telf ta' merkanzija li nġarret minn barra għal Malta fuq talba ta' kumpannija assikurata (minn issa 'l hemm imsejħa "Intercomp"). Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Atlas") bħala assikuratriċi ta' Intercomp, għamlet tajjeb għall-ħsara li Intercomp ġarrbet minħabba n-nuqqasijiet fil-merkanzija konsenjata u tgħid li għal din il-ħsara taħti l-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "B.A.S.") li tqabbdet biex tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex iġġorrha lejn Malta;

Illi, min-naħa tagħha BAS, ċaħdet kull ħtija għal dak li seħħ. Hija tgħid li t-telf tal-merkanzija seħħ qabel ma l-merkanzija ġiet fil-kustodja tagħha. Barra minn hekk, il-merkanzija ġiet nieqsa minħabba ċirkustanzi li hija ma setgħetx tevita. Qalet ukoll li l-kumpanniji attriċi jridu jġibu l-prova tat-telf li ġarrbu, u li f'kull każ, kwalunkwe responsabbiltà hija limitata bir-regoli tal-Konvenzjoni dwar *The Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR)*. Talbet ukoll is-sejħa fil-kawża ta' Fahrenheit Freight Forwarders Co Ltd li minnha ġiet mqabbda biex iġġorr il-merkanzija, u f'każ li tinstab responsabbli għad-danni, hija għandha l-jedd ta' rivalsa fil-konfront tal-imsemmija kumpannija;

---

[3] Paġ. 177 tal-proċess
[4] Paġġ. 180 – 193 tal-proċess
[5] Paġġ. 197 sa 219 tal-proċess
[6] Paġġ. 222 sa 231 tal-proċess
[7] Paġ. 233 tal-proċess

Illi, min-naħa tagħha, l-kumpannija msejħa fil-kawża FFF laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalet li m'għandha ebda relazzjoni mal-kumpannija attriċi u talbet li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, kif ukoll illi kull pretensjoni illi seta' kellha llum waqgħet billi laħaq għadda ż-żmien u dan skond l-artikolu 32(1) tal-Konvenzjoni. Fil-mertu, ċaħdet ukoll kull responsabbiltà għad-danni mitluba fil-konfront tagħha billi l-merkanzija ġiet ikkonsenjata lid-destinatarju fl-istess stat li hi rċevietha, u li f'kull każ, kull responsabbiltà tagħha hija limitata bl-istess Konvenzjoni;

Illi bħala fatti relevanti illi joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li Intercomp ħatret lill B.A.S. biex iġġorr lejn Malta sal-imħazen tagħha, konsenja ta' merkanzija li kienet tikkonsisti f'*computer laptops*, mid-depot tal-fornitur tagħha DHL Danzas f'Tilbug ġewwa l-Olanda[8]. B.A.S. kienet tirrappreżenta lill DHL Danzas f'Malta[9]. Ix-xogħol kien jitlaq ippakjat u mgeżwer minn DHL Danzas fuq *pallets* u jitgħabba fuq trailer[10]. Id-DHL Danzas kienet tissiġilla l-kontejners u jinfetħu meta jaslu għand B.A.S jew Intercomp. Meta l-*container* ma kienx ikun mimli kollu, xorta kien jiġi ssiġillat minn DHL Danzas u s-siġill jitneħħa meta jasal fil-post minn fejn jitgħabba xi xogħol ieħor[11];

Illi Intercomp qabbdet lil FFF biex tiġbor hi l-merkanzija (ippaletjata) mill-Olanda u twassalha s'għand Intercomp f'Malta[12];

Illi billi l-konsenja tal-merkanzija kienet kbira, din tqassmet ġo erba' (4) *trailers*, u wieħed minnhom kien mimli biss f'parti minnu, għaldaqstant il-konsenja f'dak it-*trailer* tħalltet ma' dik ta' terzi[13]. Il-konsenja waslet Malta fis-27 ta' Novembru, 2007. Il-*containers* mimlijin bil-merkanzija ta' Intercomp ittieħdu dirett għandha, filwaqt illi t-*trailer* l-imħallat ittella' fil-maħżen ta' B.A.S. ġewwa Ħal Far, minn fejn irriżulta illi l-*pallets* kienu mqattgħin. FFF ġiet informata b'dan minn B.A.S. minnufih, u fil-preżenza ta' rappreżentant tagħha inħatt it-*trailer*. Irriżulta li kien hemm għaxar (10) kaxxi neqsin u erba' (5) kaxxi oħra vojta[14]. Intercomp għarrfet b'dan lill-Kumpannija Dell barra minn Malta, li min-naħa tagħha kkonfermat li l-merkanzija n-nieqsa kienet parti mill-ordni li telqet minn Tilburg u ntbgħatet Malta[15]. Min-naħa l-oħra, fl-istadju meta l-merkanzija nġabret, Intercomp ma rċeviet ebda avviż minn għand B.A.S. li l-merkanzija ma kinitx waslet kollha[16];

---

8 Xhieda ta' Ian Wirth f'paġġ. 32 – 3 tal-proċess
9 *Ibid* paġ. 48 tal-proċess
10 *Ibid* paġ. 50 tal-proċess. Ara wkoll kontro-eżami ta' Mario Debono f'paġ. 76 tal-proċess u l-affidavit ta' Anthony Żerafa f'paġ. 124 tal-proċess
11 Ara affidavit ta' Anthony Żerafa f'paġ. 124 tal-proċess
12 Xhieda ta' Mario Debono f'paġ. 69 u 84 tal-proċess
13 *Ibid* paġ. 77 tal-proċess
14 *Ibid* paġġ.69 – 72 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Mario Debono f'paġ. 80 tal-proċess, ix-xhieda ta' Paul Caruana f'paġ. 57 tal-proċess u Dok. "A" f'paġ. 4 tal-proċess
15 Xhieda ta' Ian Wirth f'paġ. 39 – 40tal-proċess
16 Kontro eżami ta' Ian Wirth f'paġ. 88 tal-proċess

Illi jirriżulta illi, minbarra dan l-inċident, kien hemm inċidenti oħra bejn l-istess partijiet. B'riżultat ta' dan, B.A.S. waqqfet il-ftehim li kellha ma' FFF u l-episodji ta' ħsara jew nuqqasijiet fil-merkanzija li ġarret waqfu[17];

Illi Intercomp kienet assigurata ma' Atlas dwar il-ġarr tal-imsemmija merkanzija b'polza magħrufa bħala "*open marine policy*"[18]. Minħabba dak li ġara, Intercomp ressqet *claim* għad-danni ma' Atlas. Wara li tħejja *survey report*[19], Atlas ikkumpensat lil Intercomp u kienet surrogata fil-jeddijiet tal-assikurata bis-saħħa tal-polza. Atlas daret fuq B.A.S. għar-rifużjoni ta' dak li ħallset u l-ispejjeż li daħlet fihom[20]. B.A.S. bagħtet *letter of reserve* lil FFF, u aktar tard kopja tal-claim li kienet irċeviet mingħand Atlas[21]. FFF offrew kumpens maħdum fuq is-*CMR liability*, liema offerta tressqet minn BAS lil Atlas, li ma laqgħethiex[22];

Illi fil-25 ta' Novembru, 2008, infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigward l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali, jeħtieġ li qabel ma tidhol fil-mertu tal-każ, il-Qorti tfisser il-fehma tagħha dwar l-eċċezzjonijiet marbuta mal-limitazzjoni jew eżoneru tar-responsabiltà imressqa minn B.A.S. L-għan ewlieni wara dawn l-eċċezzjonjiet huwa li jtellgħu kenn preventiv bil-ħsieb li jeħilsuha mir-responsabbiltà li għandha fil-konfront ta' Intercomp li magħha kkuntrattat;

Illi din il-Qorti m'hijiex sejra tidħol fid-dettal fl-eżami ta' dawn l-eċċezzjonijiet, minħabba l-fatt li f'numru ta' deċiżjonijiet studjati oħrajn, li kienu jinvolvu l-istess partijiet u mertu simili, ħlief għall-konsenja partikolari li hija l-bażi ta' din il-kawża, ġiet stabbilita l-infondatezza tagħhom[23]. Fi kliem B.A.S., filwaqt illi tagħraf li kellha obbligazzjoni li tiġbor merkanzija mill-Olanda u twassalha sal-maħżen ta' Intercomp f'Malta, twarrab l-obbligu ġenerali li bħala d-depożitarja tal-merkanzija li tkun intalbet iġġorr, hija responsabbli li tikkonsenja l-merkanzija bla ħsara lid-destinatarju tagħha, jew lil min sejjer jilqagħha f'ismu[24]. Twarrab ukoll il-prinċipju li joħroġ mill-Konvenzjoni[25] li jgħabbi lill-kumpannija mħarrka bir-responsabiltà għall-għemil tal-kumpannija li ġarr tal-merkanzija f'isimha[26]. Dana tagħmlu billi tisħaq li t-

[17] *Ibid* paġ. 75 tal-proċess
[18] Affidavit Brian Valenzia f'paġ. 22 tal-proċess
[19] Dok. BV1 f'paġġ. 24 – 5 tal-proċess
[20] Paġ. 30 tal-proċess
[21] Xhieda ta' Mario Debono f'paġ. 72 tal-proċess
[22] *Ibid* paġġ. 72 u 75 tal-proċess
[23] Ara f'dan ir-rigward is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati CSH fil-**19.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance PCC Limited et vs. B.A.S. Limited et.*** (mhix appellata) kif ukoll ir-referenzi għas-sentenzi hemm magħmula
[24] P.A. TM **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Simon Micallef Stafrace noe vs. James Gollcher et noe***. fejn ingħad li "*Il-vettural bħala depositorju, huwa responsabbli li jikkonsenja l-merkanzija mingħajr ħsara*".
[25] Hemm qbil bejn il-partijiet illi l-Konvenzjoni torbot bejniethom
[26] Art. 3 tal-Konvenzjoni

telf tal-merkanzija seħħ qabel ma l-merkanzija ġiet fil-kustodja tagħha u għaldaqstant tgħid li hija mhix responsabbli għal dak li seta' ġara qabel ma l-merkanzija ġiet f'idejha[27]. Fil-fehma tal-Qorti, B.A.S. naqset li ġġib din il-prova[28]. Għall-kuntrarju, tressqet il-prova li l-kumpannija fornitriċi Dell barra minn Malta kkonfermat ma' Intercomp li l-merkanzija n-nieqsa kienet parti mill-ordni li telqet minn Tilburg u ntbagħtet Malta[29]. Tressqet il-prova wkoll li fl-istadju meta l-merkanzija nġabret mill-Olanda, Intercomp ma rċeviet ebda avviż mingħand B.A.S. li l-merkanzija kienet bin-nieqes. Fil-fehma tal-Qorti, B.A.S. għandha tibqa' dejjem responsabbli għall-merkanzija anke jekk din tkun fdatha f'idejn terzi. Kien fl-interess tagħha li toħloq u tassigura sistema ta' trasparenza tajjeb biżżejjed biex teżoneraha minn kull responsabbiltà, ħaġa li ma seħħilhiex tagħmel, u għaldaqstant f'dan l-istadju ma jiswielha xejn li tittanta titfa' l-ħtija fuq l-imsejħa fil-kawża li qabbdet hi stess, u li wieħed jistenna li kellha fiduċja fiha tant li fdatha ġġorr merkanzija ta' ħaddieħor u li għaliha kienet responsabbli hi;

Illi għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjonijiet imressqa minn B.A.S. safejn maħsuba biex jeħilsuha mill-ħtija fil-konfront ta' Atlas jew l-assikurata tagħha m'għandhomx jintlaqgħu, u filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejha fil-kawża FFF, tasjeni milli tqis il-bqija tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-istess imsejħa fil-kawża;

Illi għar-rigward **tal-mertu tal-azzjoni attriċi** u t-talbiet imressqa minnhom, jibda biex jingħad li l-istħarriġ tal-pretensjonijiet attriċi jiddependu wisq minn kemm id-dokumenti li jixhdu l-ġrajja tat-traġitt u t-telf li ġarrbet Intercomp jistgħu jitwemnu. Dawn id-dokumenti jagħmlu prova qawwija u ta' min joqgħod fuqha ta' dak li jgħidu, imma hija prova *juris tantum* u mhux irribattibbli[30], u tista titwaqqa' biss bi provi oħrajn daqstant qawwija;

Illi fil-każ li għandha quddiema l-Qorti, l-istħarriġ tal-ilmenti ta' Intercomp dwar il-ħsara mġarrba minnha jista' jibena fuq tliet dokumenti: (i) id-dokument tat-trasport[31] maħruġ u ffirmat mill-kumpannija DHL, li juri l-post tat-tluq tal-merkanzija (DHL Danzas); id-data tat-tluq tal-merkanzija (21 ta' Novembru, 2007); id-destinatarju (B.A.S. Ltd c/o Inercomp Marketing); it-trasportatur (Fahrenheit Malta) u d-dettali tal-konseja flimkien mal-għadd f'termini ta' numru li fiha kienet tikkonsisti l-konsenja (415); (2) *id-delivery receipt*[32], maħruġa minn B.A.S. indirizzata lil Intercomp, li turi l-wasla tal-merkanzija f'Malta (27 ta' Novembru, 2007), id-data meta l-merkanzija twasslet

---

[27] Art. 17 tal-Konvenzjoni
[28] Art. 18 tal-Konvenzjoni
[29] Xhieda ta' Ian Wirth f'paġ. 39 – 40 tal-proċess
[30] Fil-konfront ta' dokumenti marbuta ma traġitt bil-baħar ara P.A. P.S. **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Galdes noe vs. Godwin Abela noe et***
[31] Dok. "BV3" f'paġ. 27 – 9 tal-proċess
[32] Dok. "A" f'paġ. 4 tal-proċess

għand id-destinatarju (28 ta' Novembru, 2007), il-kontenut tal-merkanzija (*computers*) u s-sejbiet meta nfetħet il-merkanzija (10 kaxxi nieqsa u 4 kaxxi vojta); u (3) ir-rapport tas-*surveyor*[33] magħmul minn rappreżentant ta' Atlas li minnu jirriżulta l-valur tal-oġġetti li nstabu nieqsa fil-konsenja tal-merkanzija li waslet Malta fis-27 ta' Novembru, 2007;

Illi dawn id-dokumenti m'humiex kontestati mill-ebda mill-partijiet imħarrka. Fiċ-ċirkustanzi, il-Qorti tqis illi fir-rigward ta' l-ewwel żewġ dokumenti, ġie pruvat illi mingħand il-kumpannija DHL Danzas, il-konsenja telqet lejn Malta b'erba' mija u ħmistax-il (415) biċċa, filwaqt illi meta waslet Malta, instab li kien hemm erbatax-il (14) *computer* nieqsa;

Illi fir-rigward tat-tielet dokument, Atlas tikkonferma illi l-ammont mitlub fir-Rikors Maħluf fil-fatt tħallas minnha, u jidher li mxiet fuq is-*survey report* li tħejja minn rappreżentant tagħha f'Settembru, 2008. Intercomp ħallset ukoll l-ammont ta' mitejn tlieta u tletin ewro (€233) bħala '*excess*' fuq il-polza relattiva[34]. Jirriżulta li Atlas mexxiet bil-ftuħ ta' din il-kawża wara li ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha[35];

Illi fid-dawl tal-fehmiet li din il-Qorti waslet għalihom aktar 'il fuq fil-konfront kemm ta' B.A.S. u kif ukoll ta' FFF, u wara li rat sewwa d-dokumentazzjoni hawn fuq imsemmija marbuta mat-talbiet attriċi, hija tasal biex issib li B.A.S. kienet taħti għall-ħsarat u nuqqassijiet si seħħew lill-merkanzija tul it-traġitt mill-Olanda għall-Malta fl-ammont ta' tlettax-il elf, sitt mija ħamsa u disgħin ewro, erbgħa u tletin ċenteżmu (€13,695.34) flimkien mas-somma ta' mitejn tlieta u tletin ewro (€233) rappreżentanti '*excess*' li tħallas mill-assikurata skond il-polza ta' assikurazzjoni;

Illi għalhekk, it-talbiet attriċi kollha jistħoqqilhom jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija imħarrka B.A.S. Limited taħti għan-nuqqasijiet fil-merkanzija u għad-danni li ġarrbu l-kumpanniji attriċi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni msemmija fl-ammont ta' tlettax-il elf, sitt mija ħamsa u disgħin ewro, erbgha u tletin ċenteżmu (€13,695.34), li kwantu għall-ammont ta' tlettax-il elf erba' mija u tnejn u sittin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 13,462.34) minnhom huma

[33] Dok. "BV1" f'paġġ. 24 – 5 tal-proċess
[34] Affidavit ta' Brain Valenzia f'paġ. 22 tal-proċess
[35] Dok. ""BV2" f'paġ. 26 tal-proċess

dovuti lill-kumpannija attriċi Atlas Insurance PCC Limited, u kwantu għas-somma ta' mitejn tlieta u tletin ewro (€233) dovuti lill-kumpannija attriċi Intercomp Marketing Limited;

**Tilqa' it-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka B.A.S. Limited tħallas lill-kumpannija attriċi Atlas Insurance PCC Limited l-ammont ta' tlettax-il elf, erba' mija u tnejn u sittin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€13,462.34), u lill-kumpannija attriċi Intercomp Marketing Limtied l-ammont ta' mitejn tlieta u tletin ewro (€233), flimkien mal-imgħaxijiet fuq iż-żewġ ammonti msemmija b'seħħ mill-5 ta' Diċembru, 2008, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija mħarrka** bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija msejħa fil-kawża** Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited bħala mistħoqqa, u tastjeni milli tqis il-kumplament tal-eċċezzjonijiet imressqa minnha; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu kollha mill-kumpannija mħarrka B.A.S. Limited.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**5 ta' Diċembru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**5 ta' Diċembru, 2019**